# IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċizjoni Preliminari Numru 2270

Każ Numru 3131/KBC
Fil-kwistjoni tax-xogħol
bejn
Reuben Friggieri (K.I.Nru: 168279M)
u
Impact Real Estate Limited (C49759)
F (Advertising) Limited (C27689)
Owners Best Investments Limited (C47895)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi ingusta

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 7 ta' Frar 2014

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-10 ta' Ġunju, 2013 li permezz tiegħu r-rikorrent allega li l-impjieg tiegħu kien ġie terminat għal raġuni mhux valida fil-liġi u talab li jingħata somma ekwivalenti għal €1,652 rappreżentanti dritt ta' senserija fuq il-bejgħ tal-fond numru 1, Maple Court illi jinsab fi Triq il-Fikus, Attard, flimkien ma' kumpens skont artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra r-risposta tal-kumpaniji ntimati li permezz tagħha eċċepew (1) li s-soċjetajiet F (Advertising) Limited u Owners Best Investments Limited għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex allegatament l-impjieg tar-rikorrent kien ġie terminat mis-soċjetà Impact Real Estate intimata; (2) li l-ewwel talba ma taqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal; u (3) li fil-mertu l-impjieg tar-rikorrent kien ġie terminat għal kawża ġusta.

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrent;

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent;

Sema' x-xhieda ta' Rimona Mifsud u ra l-affidavit ta' Joseph Saliba bħala uffiċjal tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ u ta' Vince Baldacchino, rappreżentant tas-soċjetajiet intimati;

Ra d-dokumenti esebiti mix-xhieda;

Ra li fis-seduta tal-1 ta' Novembru, 2013 l-partijiet qablu li l-każ jitħalla għad-deċiżjoni preliminari dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-kumpaniji ntimati;

**Ikkunsidra:-**

Illi l-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal hija waħda speċjali u limitata b'dak li hemm provdut fil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta li jinkludu l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta (Art. 75(1)(a)).

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha opportunità tistqarr li "l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali ġiet konferita bil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta b'deroga għall-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ordinarji. Għalhekk, salv fil-każijiet indikati fil-liġi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap.452 ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesgħa tant li jiġu estiżi sabiex jinkludu setgħat li l-leġislatur ma ndikax fil-liġi għax ma riedx li dawn jidħlu fil-parametri tas-setgħat tat-Tribunal. Fi kliem ieħor, il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setgħat li għandu huma dawk espressament indikati fil-liġi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tiegħu."[1]

Illi dan premess, fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni mqajjma mis-soċjetajiet intimati, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li talba għall-ħlas ta' senserija ma taqax fil-parametri speċifiċi u limitati tas-setgħat tiegħu.

[1] *Karmenu Vella vs General Workers' Union*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Settembru 2010.

Illi għar-rigward tal-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjetajiet intimati, ċioè li s-soċjetajiet F (Advertising) Limited u Owners Best Investments Limited għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex l-impjieg tar-rikorrent kien ġie terminat mis-soċjetà ntimata l-oħra, Impact Real Estate Limited, dan it-Tribunal jinnota li r-rikorrent ma tefa' ebda dawl fuq min kien il-prinċipal tiegħu, ossia liema kien il-prinċipali li finalment illiċenzjah. Min-naħa tagħhom, is-soċjetajiet intimati, jgħidu li l-liċenzjament sar minn Impact Real Estate Limited fil-25 ta' Frar, 2013 u ipproduċew żewġ payslips relattivi għax-xhur ta' Jannar u Frar 2013 li huma ntestati bl-isem ta' Impact Real Estate Limited bħala prinċipal.

Dan it-Tribunal huwa imħasseb għall-mod leġġer kif it-tibdil fil-prinċipal ġie trattat mill-partijiet, tant li żewġ tibdiliet lanqas biss huma riflessi fit-traskrizzjoni uffiċjali tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ. Huwa mħasseb anke mill-fatt li minkejja li s-soċjetajiet intimati ġew ordnati jippreżentaw il-kuntratt tax-xogħol jew l-ittra jew id-dikjarazzjoni ai termini tar-Regolament 4 tar-Regolamenti dwar Informazzjoni lill-Impjegati (SL 452.83) relattiva għar-rikorrent, bil-visto tal-kontroparti, huma naqsu li jagħmlu dan, u dan kollu kien mingħajr oppożizzjoni tar-rikorrent. It-Tribunal iqis li r-rikorrent ma ttentax jikkontradixxi l-prova mressqa li l-aħħar prinċipal tiegħu kienet is-soċjetà Impact Real Estate Limited.

Illi dawn il-fatti jpoġġu lit-Tribunal fis-sitwazzjoni li jrid jipprova jinvestiga hu min kien il-prinċipal tar-rikorrent billi saħansitra talab huwa li tinġieb il-prova tar-rappreżentant tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ. Ir-rikorrent f'kawża ma jistax jistenna li l-Qorti jew Tribunal jagħmlu x-xogħol tiegħu u dan l-aktar meta huwa min jallega li jrid li jipprova: *onus probandi incubit ei qui dicit, non ei qui negat.*[2] It-Tribunal iħoss li dan il-fattur waħdu jfisser li r-rikorrent ma seħħlux jipprova bl-ebda mod li kien hemm relazzjoni ta' mpjieg mas-soċjetajiet F (Advertising) Limited jew Owners Best Investments Limited.

Mingħajr ma tkun tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi l-fehma tal-ġudikant lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk it-Tribunal ikun irid idur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinstabx, it-Tribunal

---

[2] **"Lenicker vs Camilleri",** Prim' Awla, 31 ta' Mejju 1972 u **"Aquilina vs Vella"**, Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995.

ikollu jqis li l-parti rikorrenti tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir.[3] Għalhekk, It-Tribunal irid iqis ukoll li r-rikorrent ma ressaq ebda prova li tindika li xi waħda minn F (Advertising) Limited jew Owners Best Investments Limited kienu l-prinċipali attwali tiegħu fil-jum tal-liċenzjament u allura dan it-Tribunal ser jikkonkludi li dawn is-soċjetajiet ġew imfittxija ħażin.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi filwaqt li, fl-ewwel lok, jilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetajiet intimati u jiddikjara li ma għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' l-ewwel (1) talba tar-rikorrent u, fit-tieni lok, jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpaniji intimati, u b'hekk jillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lis-soċjetajiet intimati F (Advertising) Limited jew Owners Best Investments Limited, salvi u impregudikati d-drittijiet tar-rikorrenti *si et quatenus*.**

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

---

[3] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon.***